MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 996/1996/1

**Dorothy Del Negro nee' Pirotta u b'digriet tal-25 ta' Gunju, 2003 giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Michele, Andrea u Mattea**

**vs**

**Ciro Del Negro u b'digriet tal-31 ta' Mejju, 1996 Dr. Edwina Chetcuti u P.L. Paul Saliba gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-konvenut assenti**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a tergo ta' fol. 1 ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 1996 bin-numru 996/96/VDG fejn gie premess:-

Illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fl-24 ta' Settembru 1983, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, Michele li llum ghandu tmien snin, Andrea li llum ghandu hames snin u Mattia li llum ghandu erba snin;

Illi l-hajja bejn il-partijiet tfarrak irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, fosthom eccessi, minacci, sevizji u ingurji gravi, kif jidher fic-certifikati ta' tobba hawn annessi Dok. A-D. u mir-rapporti li ghamlet lill-pulizija tan-Naxxar fil-31 ta' Jannar 1991 u fit-28 ta' Lulju, 1995 u fi kwalunkwe kaz iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment;

Illi fid-19 ta' Lulju, 1995 il-konvenut hataf lill-minuri Michele minghajr il-kunsens ta' l-omm u b'qerq hadu l-Italja, kif jidher mir-rapport li l-attrici ghamlet dak in-nhar stess fl-ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar;

Illi fis-16 ta' Marzu, 1996 l-attrici irciviet mill-Italja ittra registrata li fiha sabet digriet mghoti mit-*"Tribunale per i Minorenni di Salerno"* datata 19 ta' Frar, 1996, hawn anness a Dok. E, li tat il-kura u l-kustodja tat-tifel Michele lill-konvenut. L-attrici qatt ma giet notifikata mill-Qorti Taljana u ghalhekk ma nghatatx il-possibilita' li tiddefendi l-kaz taghha;

Illi l-attrici, hadet passi fil-Qorti Taljana sabiex tappella minn dan id-digriet;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata b'digriet tas-Sekond' Awla ta' dina l-Qorti tas-7 ta' Marzu, 1996 sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha (Dok. F);

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil konvenut jghid l-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut kif fuq inghad;

2. Tafda lill-attrici l-kura u kustodja ta' uliedhom minorenni Michele, Andrea u Mattia;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici u lit-tlett itfal manteniment;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici ipprezentat fis-26 ta' Marzu, 1996 u li permezz tieghu hija talbet sabiex din il-Qorti joghgobha tappunta l-kawza ghas-smiegh b' urgenza biex tinstema u tinqata' fl-iqsar zmien possibli.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Gaetano datat 18 ta' April 1996 fejn it-talba giet michuda *"peress li mhux possibbli ghal mument li tigi appuntata din il-kawza stante l-kalendarju mimli tal-Imhallef sottofirmat – kalendarju li jinkludi kawzi penali".*

Rat ir-rikors ta' l-attrici ipprezentat fis-26 ta' Marzu, 1996 u li permezz tieghu hija talbet sabiex din il-Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti Ciro Del Negri [recte: Del Negro] fil-gudizzju taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju, 1996 li bih wara li l-Qorti rat ir-rikors, rat id-digriet taghha precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxal. Billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija innominat lill-Avukat Dottor Edwina Chetcuti u lill-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat illi l-kuraturi deputati gew debitament notifikati bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh fis-6 ta' Novembru, 1996 u dan skond ma jirrizulta a tergo ta' fol. 31 tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati ipprezentata fl-14 ta' Novembru, 1996, liema nota tinsab a fol. 33 tal-process u li permezz taghha l-konvenuti kuraturi deputati eccepew:-

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jessqu l-eccezzjonijiet kollha kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkunu kkomunikaw mal-konvenut Ciro del Negro;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda taghhom a fol. 33 u fol. 34 tal-process;

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu l-Qorti appuntat il-kawza ghal 5 ta' Marzu, 1997.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 1997 Dr. Edwina Chetcuti infurmat lill-Qorti illi hija kellha tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u ghal dan l-iskop hija inghatat terminu ta' ghoxrin (20) jum.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati a fol. 37 tal-process u li permezz taghha huma ecceppew:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti limitatament ghat-talba tal-kura u l-kustodja tal-minuri Michele peress illi diga hemm proceduri ghaddejjien fil-qrati taljani li ghalihom issottomettiet ruhha l-attrici, *oltre* li l-minuri huwa cittadin taljan;

2. Illi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser unikament b'tortijiet imputabbli lill-attrici;

3. Illi *inoltre* l-attrici diga' hadet sehem il-konvenut mill-assi tal-komunjoni u

ghalhekk dan irid jigi imnaqqas mill-ammont tal-manteniment spettanti lill-attrici u uliedha, jekk ikun il-kaz.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda taghhom a fol. 37 sa fol. 39 tal-process;

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fit-30 ta’ Ottubru 1996 ghall-5 ta’ Marzu 1997.

Rat ir-rikors tal-konvenuti noe et ipprezentat fid-9 ta’ April, 1997 fejn il-kuraturi ta’ l-assenti talbu lil din il-Qorti sabiex tawtorizza lill-istess assenti Ciro del Negro jikkomunika ma’ uliedu b’kull mezz possibbli u fl-istess hin tordna lill-attrici taghti l-imsemmi dritt ta’ access lill-istess assenti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ April, 1997 fejn il-Qorti, ordnat in-notifika ta’ dan ir-rikors lill-kontro-parti b’erbat’ ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 24 ta’ April 1997, fejn Dr. Sandra Caruana ghall-attrici tat ruhha b’ notifikata bir-rikors tal-konvenut datat 9 ta’ April 1997. L-Avukati tal-partijiet iddikjaraw illi ma jsibux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti kif preseduta minkejja li l-Imhallef sedenti kien l-Imhallef li kien itratta l-kawza fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili. Gie nominatat Dr. Ian Spiteri Bailey bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-risposta tal-attrici ipprezentata fil-25 ta’ April, 1997 a fol. 45 u fol. 46, li permezz taghha hija talbet li din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Gunju, 1997 li permezz tieghu din il-Qorti prevja il-konferma tal-istess bil-gurament u l-impenn tal-attrici li tkompli tagixxi b’dan il-mod it-talbiet huma michuda.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Gunju 1997, fejn xehdet Dorothy Del Negro.

Rat ix-xhieda ta’ Dorothy Del Negro a fol. 49 u fol. 50.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Novembru 1997.

Rat in-nota tal-attrici Dorothy Del Negro datata 22 ta’ Jannar 1998, a fol. 53 li permezz taghha esebit l-affidavit ta’ Emanuel Catania.

Rat in-nota tal-attrici Dorothy Del Negro datata 26 ta’ Jannar 1998, a fol. 59 li permezz taghha esebit l-affidavit ta’ Marianne Pirotta.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Jannar 1998, fejn gie miftiehem illi l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjajru Dr. Ian Spiteri Bailey jigi konvertit f’ wiehed ta’ espert legali.

Rat in-nota tal-attrici Dorothy Del Negro datata 6 ta’ Mejju 1998, a fol. 69 li permezz taghha esebit l-affidavit taghha.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Mejju 1998.

Rat in-nota tal-attrici Dorothy Del Negro datata 15 ta’ Lulju 1998, a fol. 84 li permezz taghha esebit l-affidavit ta’ Carmelo Catania u Joseph Catania.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Ottubru 1998.

Rat in-nota tal-attrici Dorothy Del Negro datata 2 ta’ Novembru 1998, a fol. 92 li permezz taghha esebit l-affidavit ta’ Fr. Robert Agius.

Rat il-verbali datati 12 ta’ April 1999, 2 ta’ Lulju 1999, 25 ta’ Ottubru 1999, 22 ta’ Marzu 2000 u 4 ta’ Novembru 2000 ta’ din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 29 ta’ Marzu, 2001 fejn hija talbet illi din il-Qorti tiddikjara li d-dokumenti prodotti mill-konvenut huma inamessibbli skond il-ligi u tordna l-isfilz taghhom.

Rat illi fl-20 ta' April, 2001 il-Qorti tat xahar zmien lill-konvenut sabiex iwiegeb ghal dan ir-rikors, rat ukoll illi fit-30 ta' Ottubru, 2001 il-Qorti tat lill-konvenut l-ahhar possibilita' – xahar zmien biex iwiegeb ghal dan ir-rikors; rat ukoll illi fl-14 ta' Marzu, 2002 din il-Qorti regghet tat terminu ta' 30 jum sabiex il-konvenut iwiegeb ghal dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat ipprezentata fit-22 ta' April, 2002 fejn hija talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tal-attrici;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Mejju, 2002 fejn il-Qorti wara li rat id-digrieti tat-30 ta' Ottubru, 1991 [recte 2001] u tal-14 ta' Marzu, 1992 recte 2002] u wara li rat illi ma dahlitx risposta mill-konvenut laqghet it-talba tal-attrici u ordnat l-isfilz tad-dokumenti "EG 1", "EG 6", "EG 8", "EG 2" , "EG5" u " EG7".

Rat il-verbali datati 20 ta' April 2001u 30 ta' Ottubru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 18 ta' Frar 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghall-14 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbal datat 14 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbal datat 28 ta' Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Perit Legali Dr. Ian Spiteri Bailey biex jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut u wara tali seduti l-provi tal-konvenut gew dikjarata maghluqa.

Rat il-verbali datat 5 ta' Novembru 2002, 5 ta' Frar 2003 u 5 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbal datat 15 ta' Mejju 2003, fejn il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 18 ta' Gunju, 2003 fejn hija talbet lil din il-Qorti sabiex din il-kawza terga tigi riappuntata.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Gunju, 2003 fejn il-Qorti rriappuntat il-kawza ghall-5 ta’ Novembru, 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 24 ta’ Gunju, 2003 fejn hija talbet li l-Qorti tahtara kuratrici *ad litem* tal-minuri Michele, Andrea u Mattea.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Gunju, 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni fl-atti tac-citazzjoni sabiex tinkludi tali nomina a spejjez attrici.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Novembru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Spiteri Bailey, datat 5 ta’ Novembru 2003, minn fol. 123 sa fol. 159.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Dicembru 2003, fejn Dr. Sandra Sladden ghall-attrici rrimettitet ruhha ghar-rapport.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Mejju 2004, fejn Dr. Edwina Grima ghamlet is-sottomissjonijiet taghha on tape. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2005.

Rat ix-xhieda ta’ Dr. Edwina Grima minn fol. 233 sa fol. 236 tal-process.

Rat id-dokumenti u r-rapporti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I. PROVI

Illi l-Perit Legali jikkonkludi r-rapport tieghu billi jghid illi “*t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fis-sens segwenti:*

*1. Ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti bi htija tal-konvenut;*

*2. L-attrici ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri, Michele, Andrea u Mattea;*

3. *Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment lill-attrici fis-somma ta' mitejn liri Maltin (Lm200) fix-xahar, pagabbli in kwantu ghal mitt liri Maltin (Lm100) ghall-attrici u l-bilanc ghall-uliedu minuri*".

Illi dwar l-istess rapport peritali jinghad li kif sew qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Louis Theuma vs Anthony Borg"** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 (Cit. Nru. 1161/89AM) ma huwiex lecitu li l-Qorti tillimita "*l-gudikat taghha ghal addozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarat nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza appellata tkun tiddifetta mill-elemnti essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero tali addozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz".*

Illi l-konvenuti kuraturi deputati fl-ewwel nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom a fol. 33 tal-process jistqarru illi "*huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jressqu l-eccezzjonijiet kollha kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkunu ikkomunikaw mal-konvenut Ciro del Negro*".

Illi sussegwentement fit-tieni nota ta' eccezzjonijiet taghhom a fol. 37 tal-process, l-istess konvenuti kuraturi deputati stqarrew illi "*preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti limitatament ghat-*

*talba tal-kura u l-kustodja tal-minuri Michele peress illi diga' hemm proceduri ghaddejjin fil-qrati taljani li ghalihom issottomettiet ruhha l-attrici, oltre li l-minuri huwa cittadin taljan*".

Illi din il-Qorti sejra ghalhekk tiddeciedi din l-eccezzjoni l-ewwel u qabel kollox. Jirrizulta illi fis-sbatax ta' Awissu, tas-sena elf disa mija hamsa u disghin (17.08.1995) l-attrici ipprocediet kontra l-konvenut b'rikors appozitu quddiem l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fejn talbet *inter alia* illi l-Qorti *"tafdalha l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Michele, Andrea u Mattia".* Rat illi fit-18 ta' Settembru, 1995 l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-PL Edgar Montanaro gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Ciro Del Negro. Rat illi fis-7 ta' Marzu, 1996 l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili ordnat illi l-ulied minuri tal-partijiet imsemmijin fir-rikors jigu moghtijin fil-kura u l-kustodja tar-rikorrenti u cioe l-attrici (Ara 12 u 13 tal-process).

Illi gie esebit bhala Dok. J a fol. 17 tal-process l-att tat-twelid tal-minuri Michele u li skond dan id-dokument jirrizulta illi huwa twieled fil-hamsa ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (05.05.1988) gewwa Salerno l-Italja. Mix-xhieda prodotti jirrizulta illi l-partijiet gew Malta fid-9 ta' Frar, 1989.

Illi l-attrici qeghda titlob lil din il-Qorti, *inter alia*, illi hija tigi fdata bil-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri. Illi hekk ukoll ghamlet meta hija irrikorriet quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Illi min naha l-ohra l-kuraturi deputati qieghdin jeccepixxu illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u dan fir-rigward tat-talba tal-attrici sabiex tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri Michele peress illi diga' hemm proceduri ghaddejjin fil-qrati taljani li ghalihom issottomettiet ruhha l-attrici, *oltre* li l-minuri huwa cittadin taljan. Mill-affidavit ta' l-attrici jirrizulta illi l-konvenut telaq minn Malta flimkien mal-minuri Michele fid-19 ta' Lulju, 1995.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eccezzjoni imqanqla mill-kuraturi deputati. Jirrizulta mill-atti processwali illi l-

attrici kienet intavolat l-proceduri quddiem l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Awissu, 1995 u kienet talbet li dik il-Qorti tafdalha l-kura u l-kustodja tat-tlett minuri *pendente lite.* Illi jirrizulta wkoll illi l-konvenut ipprezenta rikors tieghu sabiex jinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri Michele fl-20 ta' Dicembru, 1995. Illi ghalhekk zgur li jirrizulta illi r-rikors ta' l-attrici gie ipprezentat qabel dak tal-konvenut. Apparti minn dan kollu, l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Michele hija radikata wkoll minn dak li hemm mahsub fil-**paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jistipula illi:

*(1) Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort' ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom guridizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija:*

*...*

*(c) kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qieghda Malta";*

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta illi l-partijiet u uliedhom kienu jghixu hawn Malta. Jirrizulta wkoll illi l-attrici, il-konvenut u uliedhom kollha kienu prezenti hekk kif gew intavolati dawn il-proceduri odjerni. Il-gurisprudenza taghna fuq dan il-punt fosthom **"Sixt vs Sixt"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Frar, 2000 u **"Catharina Harvey vs Dr. Peter Caruana Galizia noe"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Frar, 2003. Apparti dan kollu, mid-dokument immarkat bl-ittra F a fol. 11 *et sequitur* tal-process, jirrizulta illi apparti l-fatt li l-partijiet kienu prezenti hawn Malta meta gew inizjati dawk il-proceduri, kienu gew nominati wkoll kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti.

Illi apparti dan kollu jinghad illi l-Qorti ghandha s-setgha u dan fl-interess suprem tal-minuri sabiex tiddeciedi dwar il-kura u l-kustodja ta' minuri f'kazijiet simili ghal dawn. Li kieku l-Qorti jkollha tiddeklina minn din is-setgha taghha, jkun ifisser illi kull minn ikollu problemi matrimonjali jkun jista' jitlaq minn Malta bit-tfal minuri tieghu u jilledi d-drittijiet kemm ta' l-imsemmija minuri kif ukoll tal-genitur li jkun spicca minghajr uliedu. Huwa ghalhekk importanti hafna li f'kazijiet simili, dawn it-tip ta' kawzi ghandhom jimxu b'solerzja kbira, halli l-problemi li ser issemmi din il-Qorti dwar il-minuri Michele iktar il-quddiem f'din is-sentenza ma jkunux jistghu jinqalaw, jew jekk jitfaccjaw, jigu immewta bl-inqas hsara ghal minuri koncernat.

Illi ghalhekk *in vista* ta' dan kollu, din il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-gurisdizzjoni imqanqla mill-kuraturi deputati.

Illi din il-Qorti qrat ix-xhieda kollha li giet prodotta kemm quddiem il-Perit Legali u kif ukoll dik prodotta bil-mezz ta' l-affidavit. Rat ukoll id-dokumenti kollha esebiti u hija tal-fehma illi l-htija tal-firda tal-kontendenti ma ghandu jahti ghaliha hadd ghajr il-konvenut. Il-provi prodotti mill-attrici ma humiex kontradetti minn hadd u b'xejn. Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta illi l-attrici ma tantx kellha hajja matrimonjali felici mal-konvenut. Kien hemm episodji ta' swat, vjolenza u mohqrija li l-konvenut kien jissoministra indiskriminatament kemm lill-attrici u kemm lil uliedhom. Il-konvenut ghandu jahti tas-sevizzi u ingurji li huwa wettaq fil-konfront ta' l-attrici.

Illi l-addebiti li taghmel l-attrici u x-xhieda minnha prodotti ma gewx negati u lanqas ma gew michuda la mill-konvenut u lanqas mill-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentawh. Jinghad li jkun hemm sevizzi meta dawn ikun "*abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza*" (**Vol. IX pag. 274**) u jkun hemm sevizzi meta l-agir "*joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom*" ("**Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246**). Illi l-Qorti hija

tal-fehma illi l-konvenut irrenda ruhhu hati lejn l-attrici ta' sevizzi.

Illi *oltre* minn dan jirrizulta ampjament illi l-konvenut ilu li abbanduna lill-martu u liz-zewg uliedu ghal kwazi ghaxar (10) snin.

Illi ghalhekk, kif gustament irritena l-abbli Perit Legali, l-htija ta' din is-separazzjoni ma ghandha tkun ta' hadd izjed hlief tal-konvenut u din il-Qorti hawn taghmel ukoll referenza ghall-konkluzzjonijiet kollha peritali f'dan ir-rigward inkuz dak kollu li jinghad mill-abbli perit legali f'sezzjoni 10 tar-rapport peritali dwar l-ewwel talba attrici, nkluzi dak kollu kontenut fol. 155 u 156 tal-process, u taddotta l-istess bhala l-konkluzzjonijiet taghha anke kif sorretti mill-provi kollha prodotti fil-process u fir-rapport stess.

Illi dwar il-punt tal-kura u l-kustodja tal-minuri ahwa Del Negro jirrizulta li llum il-gurnata, l-minuri ahwa Del Negro u cioe Michele, Andrea u Mattea ghandhom sittax-il sena u nofs (16 ½), tlettax-il (13) sena u tmien (8) xhur u tnax-il (12) sena u erba' (4) xhur rispettivament. Illi minghajr l-ebda ezitazzjoni din il-Qorti fir-rigward tal-minuri Andrea u Mattea ahwa Del Negro tiddikjara u tiddeciedi lli dawn ghandhom jigu fdati fil-kura u l-kustodja ta' l-attrici. Dan ghal diversi ragunijiet, kif elenkati mill-abbli Perit Legali Dr. Ian Spiteri Bailey u ghas-semplici raguni illi dawn iz-zewgt itfal minuri gew abbandunati minn missierhom u dan mank f'ghaxar (10) snin shah ipprova jigi Malta biex jarahom.

Ili dwar il-minuri Michele, il-posizzjoni hija ftit differenti ghaliex dan l-istess tifel illum ilu l-Italja ghall-diversi snin, pero' jirrizulta li dan gara wara li litteralment l-istess konvenut harab bl-istess minuri u certament dan l-agir ma' jistax jigi approvat. Fil-fatt jirrizulta li l-istess
Michele illum il-gurnata ilu jghix barra minn Malta ghal kwazi ghaxar (10) snin. Huwa minnu li f'dan il-perjodu tant twil minn hajtu huwa ma rax fizikament lill-minuri hutu u jkun ghaqli li huwa jinghata l-opportunita' minn missieru sabiex jara lil hutu u lil ommu u dan anke ghaliex hija haga sabiha li huwa jsir jaf lil hutu. Fil-fatt jirrizulta li dan l-

minuri Michele ghadda minn trawma bizzejjed kbira meta ittiehed b’mod qarrieqi mill-konvenut minn hawn Malta w allura din il-Qorti thoss li l-istess minuri wkoll ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja ta’ ommu, u dan fl-interess ta’ l-istess minuri.

Illi ghalhekk, din il-Qorti sejra tiddikjara illi l-minuri Andrea, Mattea u Michele ahwa Del Negro ghandhom jkunu fdati fil-kura u kustodja esklussiva ta’ l-attrici bi dritt ta’ access favur il-konvenut li ghandu jigi determinat meta l-istess konvenut jigi Malta u jaghmel talba ghall-istess.

Imiss issa li tigi ikkunsidrata t-tielet talba attrici. L-attrici qieghda titlob illi l-konvenut ikun ikkundannat ihallasha manteniment ghaliha u ghat-tlett (3) itfal taghha. Jibda biex jinghad illi l-Onorabbli Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti kienet iddecidiet b’digriet taghha tas-7 ta’ Marzu, 1996 ordnat illi l-intimat (konvenut odjern) jhallas lir-rikorrenti (attrici odjerna) bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u ghall-minuri imsemmijin mitt lira Maltin (Lm100) pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza tar-rikorrenti mil-lum. Illi ma jirrizultax mill-provi prodotti mill-attrici x’inhu l-introjtu li jippercepixxi zewgha l-konvenut kif lanqas hemm prova dwar jekk hija tippercepixxiex xi tip ta’ introjtu. Dwar din it-talba l-provi huma skarsi ghal kollox. Illi l-Perit Legali kkonkluda illi dak li kienet iddecidiet l-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili ghandu jibqa’ invarjat u ma jitbiddilx. Din il-Qorti minkejja li ma hemm provi xejn dwar xi spejjez jehtiegu t-tfal, dwar jekk l-attrici hijiex tahdem u dwar xi dhul ghandha l-attrici, jekk ghandha, mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, hija tal-fehma illi l-konvenut, *stante* li l-htija tal-firda giet akkolata fl-*intier* taghha esklussivament fuqu ghandu jikkontribwixxi ghall-ghixien tal-familja tieghu. Illi ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, din il-Qorti qieghda tordna illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta’ mitt lira (Lm100) Maltin fix-xahar, bil-quddiem bhala manteniment ghal martu u *oltre* dan, huwa ghandu jhallas l-ammont ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, bil-quddiem, ghal kull wild minuri li huwa ghandu hawn Malta u cioe Andrea u Mattea. F’kaz illi l-minuri Michele jirritorna lura Malta qabel ma jaghlaq it-tmintax-il

(18) sena, allura l-konvenut huwa obbligat li jissoministralu s-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, bil-quddiem, bhala manteniment. Dawn l-ammonti ta’ manteniment ghandhom jinghataw lill-attrici direttament fir-residenza taghha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni imqanqla mill-kuraturi deputati fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom tat-12 ta’ Marzu, 1997 u ghalhekk tiddikjara li hija kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut assenti nkluzi dawk tal-kuraturi deputati fiz-zewg noti ta’ eccezzjonijiet taghhom, u **tilqa’ t-talbiet** attrici biss fis-sens hawn premess b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi s-separazzjoni tal-kontendenti konjugi Del Negro sehhet esklussivament minhabba htija tal-konvenut u dan minhabba sevizzi, eccessi nkluz swat u vjolenza domestika, u ingurji gravi, u abbandun *da parte* tieghu fil-konfront ta’ l-attrici b’dan li kawza ta’ l-istess l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Andrea, Mattea u Michele ahwa Del Negro f’idejn l-attrici bi dritt ta’ access favur il-konvenut li ghandu jigi determinat meta l-istess konvenut jigi Malta u jaghmel talba ghall-istess, liema access ghandu jigi determinat mill-Qorti kompetenti fl-interess ta’ l-istess minuri.

3. Finalment, tilqa’ t-tielet talba attrici, hija qieghda tordna illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar, bil-quddiem bhala manteniment ghal martu l-attrici u *oltre* dan, huwa ghandu jhallas l-ammont ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, bil-quddiem, ghal kull wild minuri li huwa ghandu hawn Malta u cioe Andrea u Mattea. F’kaz illi l-minuri Michele jirritorna lura Malta qabel ma jaghlaq it-tmintax-il (18) sena, allura l-konvenut huwa obbligat li jissoministralu s-somma ta’ hamsin lira

Maltin (Lm50) fix-xahar, bil-quddiem, bhala manteniment. Dawn l-ammonti ta' manteniment ghandhom jinghataw lill-attrici direttament fir-residenza taghha;

L-ispejjez ta' din il-kawza inkluzi dawk tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------